# Żviluppi riċenti fis-sigurtà soċjali



Minn MARK MUSÙ,
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali

Ħ MISTAX ilu konna tkellimna dwar l-iżviluppi fis-sigurtà soċjali f'pajjiżna li kienu seħħew mill-bidu tas-snin 80 sal-1997. Bla dubju ta' xejn, l-aktar żvilupp importanti f'dan il-kuntest kien il-konsolidament tat-tliet Atti legali ewlenin f'liġi waħda, liema liġi daħlet fis-seħħ fl-1987.

Illum se nagħti ħarsa lejn l-iżviluppi l-aktar riċenti li seħħew, bejn it-tibdil li kien sar fl-1997 fil-mod kif pensjoni tas-servizz tiġi ikkalkulata għall-fini tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali u r-riforma tal-pensjonijiet għaxar snin wara. Din tal-aħħar hija bla dubju l-aktar żvilupp importanti mill-1979 'l hawn, żvilupp li se jeffettwa lill-ġenerazzjonijiet ta' għada u ta' pitgħada.

## Il-pensjoni tas-servizz u l-estensjoni tal-prinċipju taż-żewġ terzi

Il-mod kif il-pensjoni tas-servizz hija kkonsidrata fil-kalkolu tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali minn dejjem qajjem ċertu diskussjoni sa minn meta ddaħħlet il-pensjoni taż-żewġ terzi fl-1979. Kien forsi għalhekk li gvernijiet suċċessivi daħħlu miżuri biex kemm jista' jkun jindirizzaw dik li ħafna iqisuha bħala anomalija u oħrajn inġustizzja.

Matul l-aħħar kwazi 20 sena, iddaħħlu numru ta' miżuri li bihom l-ammont tal-pensjoni tas-servizz iċċekken. Dan naturalment kien ifisser li l-ammont ta' pensjoni tas-sigurtà soċjali, imħallsa lil min għandu pensjoni tas-servizz, f'ħafna każi żdied għalkemm mhux f'kull każ.

Forsi l-aktar miżura importanti f'dan ir-rigward kienet dik ta' Ottubru tal-1997 li biha bbenefikaw ħafna pensjonanti tas-servizzi Ingliżi u anke pensjonanti tat-teżor (romol). B'din il-miżura, l-ammont tal-pensjoni tas-servizz li beda jkun ikkonsidrat fil-kalkolu tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali kien dak li tħallas l-ewwel darba li ħarġet il-pensjoni tas-servizz u mhux dak li l-pensjonant ikun qed jirċievi fil-mument.

Barra minn hekk, jekk l-ammont oriġinali ta' pensjoni tas-servizz kien inqas minn €466 (Lm200), il-pensjoni tas-sigurtà soċjali tinħadem bħallikieku l-pensjonant m'għandu l-ebda pensjoni tas-servizz. L-istess beda jsir għal min kien ikkommuta (biegħ) il-pensjoni tas-servizz kollha biex jieħu somma ta' flus.

Bħala parantesi tajjeb li ngħid li din il-miżura għadha fis-seħħ sallum u kompliet tissaħħaħ fl-2007 u l-2008 meta, mill-ammont ta' pensjoni tas-servizz li huwa kkonsidrat fil-kalkolu tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali, bdew jitnaqqsu €466 (Lm200) fl-2007 u €200 oħrajn fl-2008. Dawn il-miżuri wkoll wasslu biex tiżdied il-pensjoni tas-sigurtà soċjali ta' ħafna pensjonanti tas-servizz.

Bejn l-1996 u l-1998, il-pensjoni taż-żewġ terzi kienet estiża wkoll gradwalment għall-pensjonanti tal-irtirar li irtiraw qabel l-1979. Fl-istess waqt, din l-estensjoni ddaħlet fis-seħħ għal romol li żwieġhom kienu mietu qabel l-1979.

## Tneħħija ta' diskriminazzjoni

Minn Jannar 1998 tneħħew id-differenzi kollha li kien hemm bejn ir-romol nisa u dawk irġiel fil-kundizzjonijiet li bihom titħallas il-pensjoni tar-romol. Fil-fatt qabel dik id-data, armel kien intitolat għall-pensjoni tar-romol biss jekk ma kienx jaħdem u jekk kien jiddependi fuq id-dħul (paga/salarju) tal-mara għall-għixien tiegħu. Dan ma kienx il-każ għal armla li setgħet taħdem anke jekk tirċievi il-pensjoni tar-romol fl-istess żmien.

B'dan it-tibdil fil-liġi, il-kundizzjonijiet tar-romol irġiel ġew l-istess bħal tar-romol nisa. B'din il-miżura għalhekk tneħħiet id-diskriminazzjoni li kien hemm u li ċertament ma kinitx intenzjonata imma kienet riżultat tar-realtà predominanti ta' Malta tas-snin 60, 70 u sa ċertu punt 80, meta r-raġel kien is-sors ewlieni tad-dħul ta' kull familja.

Forma oħra ta' diskriminazzjoni li tneħħiet fl-1998 kienet dwar il-kundizzjonijiet tad-dritt għall-Benefiċċju għal Mard. Sa dakinhar, mara miżżewġa li jkollha dritt għal dan il-benefiċċju kienet titħallas bir-rata ta' persuna waħedha waqt li raġel miżżewweġ kien jitħallas bir-rata ta' miżżewweġ li hija ogħla. Bil-miżura l-ġdida, l-irġiel u n-nisa miżżewġin bdew jitħallsu bl-istess rata. Ir-rata ta' miżżewweġ/a bdiet titħallas l-istess sakemm il-konjuġi ma j/tkunx j/taħdem fejn jekk dan ikun il-każ, titħallas ir-rata ta' persuna waħedha kemm lill-irġiel u kemm lin-nisa.

Anke hawn, wieħed jista' jgħid li din id-diskriminazzjoni kienet riżultat tar-realtà predominanti ta' pajjiżna tas-snin ta' qabel u li kważi kważi, bħal fil-każ tar-romol, it-tneħħija tagħha kienet iddettata mit-tibdil soċjo-ekonomiku li pajjiżna beda jesperjenza.

## Tibdil fil-kontribuzzjonijiet

Minn Jannar tal-1998 'il quddiem saret ukoll bidla amministrattiva importanti meta r-responsabbiltajiet tal-ġbir u l-inforzar tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għaddew f'idejn il-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Fl-1999 u l-2000, ir-rata tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali żdiedet minn 8.33% (1/12) għal 9% u għal 10% (1/10) rispettivament tal-paga jew salarju bażiku tal-impjegat. Il-parti li jħallas min iħaddem baqgħet ta' 10% (1/10) kif kienet, biex b'hekk il-kontribuzzjoni mħallsa mill-impjegat ġiet daqs dik ta' min iħaddmu u daqs il-kontribuzzjoni li joħroġ l-istat.

Sar tibdil ukoll fil-kategoriji tal-kontribuzzjonijiet imħallsin mill-persuni li jaħdmu għal rashom, liema tibdil kien ibbażat fuq il-prinċipju li r-rata ta' kontribuzzjoni tkun ta' 15% tad-dħul nett tagħhom waqt li l-istat joħroġ 7.5% oħrajn.

## Miżuri mixxellanji

Kien hemm diversi miżuri oħrajn li ddaħħlu bejn l-2001 u l-2008. Fost dawn kien hemm il-benefiċċju għal tfal 'fostered' taħt is-16-il sena li daħal fis-seħħ fl-2001. Inċidentalment dan il-benefiċċju żdied din is-sena u anke kien estiż għal tfal bejn is-16 u l-21 sena.

Barra minn hekk, tneħħa wkoll it-test tal-mezzi fir-rigward tal-Allowance għal Tfal b'Diżabilità biex b'hekk dan il-benefiċċju beda jitħallas lit-tfal kollha b'diżabilità, irrispettivament mid-dħul tal-familja.

Iddaħħlu wkoll miżuri favur ir-romol. Armla jew armel li jerġgħu jiżżewġu kienet tiqfilhom il-pensjoni tar-romol u minflok jieħdu somma zgħira ta' flus ekwivalenti għal sena pensjoni bir-rata tal-pensjoni tar-romol minima nazzjonali. Mill-2007 ingħatalhom id-dritt li jibqgħu jirċievu l-pensjoni għal ħames snin minn meta jerġgħu jiżżewġu bir-rata tal-pensjoni tar-romol minima nazzjonali.

Miżura oħra favur ir-romol kienet għal dawk li jaħdmu, jaqilgħu aktar mill-Paga Minima Nazzjonali u li l-iżgħar mit-tfal jagħlqu is-16-il sena. Il-kundizzjonijiet ta' dawn ir-romol kienu estiżi sakemm it-tfal jagħlqu l-21 sena. Dan ifisser li llum armla jew armel li jieħdu l-pensjoni tar-romol u li jaħdmu jistgħu jaqilgħu aktar mill-Paga Minima Nazzjonali qabel l-iżgħar mit-tfal dipendenti jagħlqu l-21 sena sakemm it-tfal ikunu għadhom f'istituzzjoni edukattiva jew qegħdin jirreġistraw għax-xogħol u ma jiħdux benefiċċju f'isimhom. Jekk it-tfal ikunu qegħdin jaħdmu jew qegħdin jieħdu xi benefiċċji soċjali f'isimhom, f'dak il-każ l-armla jew armel jistgħu jaħdmu imma ma jistgħux jaqilgħu aktar mill-Paga Minima Nazzjonali biex ikunu jistgħu jieħdu l-pensjoni tar-romol.

Sa ċertu punt, dan jorbot ma' miżuri oħrajn li ddaħħlu biex jinċentivaw ix-xogħol. Pensjonanti tal-irtirar sal-2007 setgħu jaħdmu u jieħdu l-pensjoni tas-sigurtà soċjali sakemm mix-xogħol ma jaqilgħux aktar mill-Paga Minima Nazzjonali. Dan inbidel fl-2008 biex illum pensjonant jista' jieħu l-pensjoni u jaħdem u jaqla' aktar mill-Paga Minima Nazzjonali. Fl-istess waqt il-pensjonant li jkun qed jaħdem irid iħallas il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali sal-età ta' 65 sena.

Ftit jew wisq fl-istess żmien, iddaħħlet miżura wkoll għall-ġenituri 'single' u li jkunu qegħdin irabbu t-tfal u jieħdu l-għajnuna soċjali. Dawn bdew jingħataw l-opportunità li jagħmlu xi xogħol mingħajr ma jkollhom tnaqqis fl-għajnuna soċjali, sakemm id-dħul tagħhom ma kienx jaqbeż l-iskala stabbilita dakinhar. Jekk id-dħul mix-xogħol jaqbeż din l-iskala, mill-għajnuna soċjali titnaqqas id-differenza bejn l-iskala stabbilita u d-dħul mix-xogħol.

Fl-2007 kien iddaħħal il-Benefiċċju għall-Enerġija f'forma ta' skont imħallas permezz ta' vawċer mill-kont tad-dawl u l-ilma. Fl-istess sena, saret riforma fil-mod kif issir l-evalwazzjoni medika għall-Pensjoni għal Invalidità. Fl-2007 wkoll l-Għajnuna Soċjali għal xebbiet jew romol li jkunu qegħdin jieħdu ħsieb b'mod regolari lil xi qarib anzjan jew b'diżabilità, kienet estiża ukoll għal ġuvintur jew romol irġiel.

Fl-2008, kien sar ukoll tibdil fl-għoti tal-Allowance tat-Tfal. Kien żdied il-persentagg imħallas f'każ ta' familja b'żewġt itfal jew aktar biex b'hekk beda jingħata l-istess persentaġġ għat-tfal kollha. Fl-istess waqt bdiet titħallas rata fissa bażika lil kull tifel u tifla irrispettivament mid-dħul tal-familja.

## Ir-riforma tal-pensjonijiet

Bla dubju ta' xejn, l-aktar żvilupp importanti mill-introduzzjoni tal-pensjoni taż-żewġ terzi 'l hawn kienet ir-riforma tal-pensjonijiet. Din ir-riforma tħabbret fl-2006 u daħlet fis-seħħ fl-2007 wara snin ta' studji, rapporti u konsultazzjonijiet ma' kulħadd. It-tibdil li daħal fis-seħħ huwa sostanzjali u jolqot l-aktar lil dawk li twieldu mill-1962 'l hawn. Jolqot ukoll, għalkemm mhux daqstant, lil dawk li twieldu bejn l-1952 u l-1961. Meta nerġgħu niltaqgħu ħmistax oħra se nagħti ħarsa dettaljata lejn il-punti ewlenin ta' din ir-riforma li tolqot lill-pensjonanti ta' għada.



*IMPORTANTI: L-informazzjoni f'din ir-rubrika mhix intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan tagħha huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt **www.msp.gov.mt**, tibgħat imejl fl-indirizz **social.security@gov.mt**, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tad-dipartiment f'Malta u Għawdex jew iċċempel fuq in-numru 159.*

● Issa ngħaddi għall-mistoqsijijiet li rċevejt mingħandkom il-qarrejja. John Portelli mill-Baħrija staqsa: “Kemm hi l-pensjoni ‘full’ tal-irtirar ta’ koppja miżżewġa li r-raġel biss kien jaħdem u jħallas il-bolla? Meta tgħid ‘full’ hi l-istess għal kulħadd?” Staqsa wkoll: “Jekk raġel imut qabel l-età tal-pensjoni u martu tibda tieħu l-pensjoni tar-romol, din tiżdied meta hi tagħlaq 60 sena?”

Filwaqt li nirringrazzja lill-ħabib tiegħi John għall-mistoqsijiet tiegħu, nibda biex inwieġeb l-ewwel mistoqsija tiegħu. L-ewwelnett qiegħed nassumi li bil-kelma ‘full’ irid ifisser il-pensjoni massima mhux il-pensjoni sħiħa. Id-differenza bejn it-tnejn hija li l-pensjoni massima hija l-ogħla pensjoni li tista’ titħallas waqt li l-pensjoni sħiħa hija l-pensjoni li titħallas lil xi ħadd li għandu l-medja massima ta’ kontribuzzjonijiet.

Il-pensjoni massima li tista’ titħallas fl-2010 hija ta’ ftit inqas minn €220 fil-ġimgħa. Din tirrappreżenta żewġ terzi tal-paga fil-ġimgħa (€329.15) li fuqha titħallas l-ogħla kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali fil-ġimgħa (€32.91) minn persuna impjegata. Pensjonanti li jirċievu din il-pensjoni huma dawk li (i) is-salarju jew dħul bażiku tagħhom din is-sena (jew fil-każ ta’ xi ħadd li hu diġà pensjonant is-salarju bażiku kurrenti li qed jitħallas minn illum qed jagħmel l-istess xogħol li fih il-pensjonant kien irtira) ikun ta’ €17,115.80 fis-sena jew aktar, (ii) il-medja massima tal-kontribuzzjonijiet imħallsin jew akkreditati tagħhom hija ta’ 50 jew aktar, u (iii) m’għandhomx pensjoni tas-servizz jew jekk għandhom l-ammont oriġinali ta’ din il-pensjoni (l-ewwel darba li tħallset) huwa inqas minn €666 fis-sena.

Il-pensjoni massima hija l-istess għal kulħadd, irrispettivament jekk kienx jaħdem ir-raġel biss, il-mara biss jew it-tnejn. Fil-każ li jkunu jaħdmu t-tnejn, dawn jistgħu jieħdu l-pensjoni massima t-tnejn, separatament jekk jissodisfaw il-kriterji li semmejt fuq.

Min-naħa l-oħra il-pensjoni sħiħa, li kif għidt titħallas lil xi ħadd li għandu l-medja massima ta’ kontribuzzjonijiet (50 jew aktar), tvarja skont id-dħul pensjonabbli. Id-dħul pensjonabbli huwa l-paga, salarju jew dħul bażiku li l-persuna jkollha u li fuqhom tkun ikkalkulata l-pensjoni. Il-mod kif id-dħul pensjonabbli jiġi kkalkulat ivarja skont jekk il-persuna hix impjegata jew taħdem għal rasha, ivarja skont meta l-persuna waqfet mix-xogħol, u, anke wara r-riforma tal-pensjonijiet, ivarja skont meta l-persuna tkun twieldet. Fil-ġimgħat li ġejjin se nkun qed nispjega f’aktar dettall kif dan jinħadem.

F’dan il-kuntest infakkar li xi ħadd li l-medja ta’ kontribuzzjonijiet tiegħu tkun inqas minn 50 iżda aktar minn 15 (fil-każ tal-pensjoni taż-żewġ terzi) jew aktar minn 20 (fil-każ tal-pensjonijiet tal-irtirar l-oħrajn) xorta jieħu pensjoni iżda din ma tkunx sħiħa. F’dan il-każ il-pensjoni mħallsa ma tvarjax biss skont id-dħul pensjonabbli iżda wkoll skont il-medja tal-kontribuzzjonijiet.

Fir-rigward tat-tieni mistoqsija li għamel il-ħabib tagħna, tajjeb li ngħid li f’każ bħal dan meta l-konjuġi jmut qabel l-età tal-pensjoni, salvi d-dispożizzjonijiet dwar il-pensjoni tas-servizz, l-armla jew l-armel jitħallsu ħamsa minn sitta (5/6) tal-pensjoni taż-żewġ terzi li l-konjuġi l-mejjet kieku kien jirċievi kieku irtira fid-data tal-mewt. Jekk l-armla jew l-armel ikollhom dritt għal pensjoni tas-servizz, ir-rata ta’ pensjoni tas-sigurtà soċjali mħallsa tista’ tvarja iżda l-prinċipju xorta jibqa’ li jirċievu ħamsa minn sitta (5/6) ta’ dak li kieku kien jirċievi l-konjuġi l-mejjet.

Il-pensjoni tar-romol imħallsa skont kif spjegajt fuq ma tiżdiedx meta l-armel jew l-armla jagħlqu 60 sena, apparti żidiet oħrajn li jistgħu jieħdu tal-ogħli tal-ħajja jew wara xi reviżjoni annwali tal-pensjoni. Iżda jekk l-armel jew l-armla ikunu qegħdin jaħdmu u jħallsu l-kontribuzzjoni u jilħqu l-età tal-irtirar u jkollhom dritt għall-pensjoni tal-irtirar, isir il-kalkolu tal-pensjoni tal-irtirar ukoll. F’każ bħal dan, titħallas l-ogħla pensjoni bejn dik tal-irtirar u dik tar-romol, jiġifieri titħallas pensjoni tas-sigurtà soċjali waħda.

Infakkar dejjem li f’każ bħal dan, l-armel jew l-armla jkunu jridu japplikaw għall-pensjoni tal-irtirar daqs li kieku m’huma jirċievu l-ebda pensjoni oħra u bħalma jrid isir għal kwalunkwe benefiċċju ieħor imħallas taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.



*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

***Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont,***
***A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000***

*inkella b’imejl bis-suġġett “Paġna Sigurtà Soċjali” fl-indirizz* ***ittri@unionprint.com.mt****. Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta’ interess ġenerali, mhux każi privati jew personali.*